KUNSILL REĠJONALI LVANT

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 29

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

It-Tnejn 19 ta' Frar, 2024

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is -Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sur Raymond Lanzon – Kunsillier Pembroke
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara (onlajn)

ASSENTI

Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

29.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, u mingħand is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, sabiex jinforma li ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa.

29.1.2 Il-membri preżenti approvaw din l-ittra ta' apoloġija.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

29.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 28 li nżammet nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2024 kienu meħuda bħala moqrija.

29.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mis-Sindku tal-Pietà, is-Sa Zoya Attard.

## 29.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Diversi Laqgħat*

29.3.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar l-laqgħa li kienet skedata mas-CEO ta' Transport Malta, is-Sur Jonathan Borg, nhar il-Ġimgħa 2 ta' Frar 2024.

29.3.2 Is-Sur Chircop spjega kif waqt din il-laqgħa kien hemm qbil sabiex flimkien mal-Perit tar-Reġjun u rappreżentant minn TM ikun hemm opportunità li ssir żjara tal-binja ta' l-arloġġ ta' Pembroke.

29.3.3 Madanakollu l-President spjega kif riċentament ġie mħabbar li s-Sur Jonathan Borg tneħħa minn Kap Eżekuttiv u minflok għadu kif ġie maħtur il-Kurunel Mark Mallia.

29.3.4 Is-Sur Chircop spjega kif aktar kmieni filgħodu, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellhom laqgħa skedata mas-Sur Marc Vella Bonnici. Hu spjega kif oriġinarjament it-talba għall-laqgħa kienet mal-Ministru Bonett imma l-laqgħa nżammet mas-Sur Vella Bonnici fejn ġie diskuss l-istess suġġett, fuq il-binja ma' l-arloġġ ta' Pembroke.

29.3.5 Is-Sur Chircop spjega kif is-Sur Vella Bonnici ser ikun qed jgħamel kuntatt mas-Sur Michael Cohen, u l-membri ser ikunu aġġornati dwar dan fil-laqgħa li jmiss.

29.3.6 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif aktar kmieni filgħodu, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' l-Onor. Rebecca Buttigieg sabiex flimkien mad-Direttur Artistiku, Daniel Cauchi, jiġu mressqa żewġ proposti relatata mad-diversita u ugwaljanza.

29.3.7 Is-Sur Chircop spjega kif aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Seminar - 'Green Events Framework – A Sustainbility Policy'*

29.3.8 B'referenza għal dan is-seminar li kien inżamm nhar il-Ġimgħa 9 ta' Frar 2024 ġewwa AX The Victoria Hotel, il-President irringrazzja lill-membri li kienu preżenti. Hu żied jgħid ukoll kif hemm skedat żewġ laqgħat dwar din il-*policy* mal-Kummissarju tal-Pulizija u ma' l-ERA.

29.3.9 ***17:37pm – is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, u l-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, waslu għal din il-laqgħa.***

29.3.10 Il-President talab lis-Sindki preżenti sabiex jiffirmaw din il-*policy* li tinsab fl-aħħar tad-dokument.

- *Working Group – Ġbir ta' Skart Domestiku*

29.3.11 Il-President informa lill-membri preżenti li l-working group dwar il-problemi relatati mal-kollezzjoni tal-iskart domestiku reġgħa ltaqgħu nhar il-Ħamis 15 ta' Frar 2024.

29.3.12 Is-Sur Chircop żied jgħid kif l-attendenza reġgħet kienet waħda tajba minn kulħadd. Pero ġibed l-attenzjoni kif ma kien hemm l-ebda rappreżentazzjoni mill-Cleansing and Maintenance Dvivision u kif għal din ir-raġuni ser tkun qed tintalab laqgħa diretta mas-Sur Deguara sabiex jiġi aġġornat fuq l-iżvilupp li sar mill-ewwel żewġ laqgħat.

29.3.13 Is-Sur Chircop żied jgħid kif it-tielet laqgħa li ser tkun qed tinżamm nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu 2024.

- *Arts Council Malta - Konferenza Stampa*

29.3.14 Il-President informa kif aktar kmieni dakinhar, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għal din il-konferenza dwar l-iskema finanzjarja li nħarġet sabiex tgħin lill-kmamar tan-nar, lill-baned u lill-għaqdiet ta' l-armar.

29.3.15 Is-Sur Chircop żied jgħid kif ser ikun hemm laqgħa ta' informazzjoni dwar din l-iskema onlajn nhar l-Erbgħa 28 ta' Frar 2024, u ħeġġeġ sabiex il-Kunsilli Lokali jieħdu ħsieb jinfurmaw lill-għaqdiet rispettivi tagħkom dwar dan.

29.3.16 ***17:49pm – is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, waslet għal din il-laqgħa.***

- *Studju*

29.3.17 Il-President informa kif fil-laqgħa tar-Reġjun preċedenti kien ġie ppreżentat dokument mingħand Profs Maria Attard – *Assessment of Development Impact in the Eastern Region of Malta*. Kif ġie maqbul fil-laqgħa, is-Sur Chircop qal kif ġiet mitluba kwotazzjoni lil Profs Attard u għal din ir-raġuni, din il-kwotazzjoni ġiet imressqa għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

29.3.18 Is-Sur Chircop fakkar lill-membri li dan ir-Reġjun għaddej bl-istudju tas-*Social Impact Assessment* li huwa obbligazzjoni tar-Reġjun li jsir f'kull leġislatura u li dan ser ikun qed jiġi ppreżentat dalwaqt.

29.3.19 Wara diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex dan ma jsirx sakemm ma jkunx hemm xi fondi minn fejn dan l-istudju jkun jistà jitħallas minnu. Għal din ir-raġuni, din il-komunikazzjoni ser tkun mgħoddija għand l-Maniġer responsabli mill-fondi lokali u ta' l-EU, is-Sa Marija Vassallo.

29.3.20 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex id-*draft* ta' dan id-dokument ser ikun qed jgħaddi lil Kunsilli Lokali kif ukoll jintalab sabiex jiġu rappreżentanti mill-Università sabiex jgħatu preżentazzjoni qasira dwar dan l-istudju.

## 29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

29.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 29.6 Rapporti

29.6.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri kif ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 29.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- ***Uffiċjali Reġjonali***

29.7.1 Il-President informa kif is-Sa Baldacchino ma aċċettatax din il-pożizzjoni u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv infurmat lit-tieni persuna li huwa s-Sur James Hamberger. Is-Sur Hamberger infurmana li ser ikun qed jibda minn nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu 2024.

29.7.2 Aġġornament dwar din il-pożizzjoni tingħata fil-laqgħa li jmiss.

- ***Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann – Skala 13, FT***

29.7.3 Il-President informa lill-membri kif is-Sa Kathleen Cardona aċċettat din il-pożizzjoni pero dan ir-Reġjun għadu qed jistenna bid-data uffiċjali ta' meta ser tibda minħabba li fil-preżent għandha madwar xahrejn notice u qed tagħmel *detailing process* peress li fil-preżent hija uffiċjal pubbliku.

- ***Clerk/ Kaxxier fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann – Skala 13, FT***

29.7.4 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif peress li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni mis-sejħa interna, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lid-Diviżjoni għal Gvern Lokali u lil Jobsplus dwar dan sabiex din is-sejħa titkompla bil-proċess.

29.7.5 Is-Sur Chircop żied jgħid kif Jobsplus ipprovdew lista b'applikanti eleġibbli u b'kollox kien hemm erbgħa applikazzjonijiet. L-intervisti nżammu mill-bord kompost minnu bħala *Chairman*, flimkien mas-Sur John Pillow, is-Sa Margaret Baldacchinio Cefai, fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar 2024.

29.7.6 Il-bord irrakomanda lis-Sur Daniel Muscat għal din il-pożizzjoni. Ġaladarba is-Sur Muscat ma jaċċettax din il-pożizzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv ser tkompli bil-proċess peress li l-applikanti l-oħra ma kienux adekwati għal din il-pożizzjoni.

29.7.7 Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

## 29.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Skema tal-latrini*

29.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif fuq talba li tressqet mir-Reġjun f'isem il-Kunsilli Lokali li qed jipparteċipaw f'din l-iskema, nhar l-Erbgħa 14 ta' Frar 2024 dan ir-Reġjun ġie infurmat kif id-data ta' għeluq ġiet posposta sa Marzu 2025.

- *Tiġdid ta' Sħubija – Rotta tal-Fenici għas-sena 2024*

29.8.2 B'referenza għal din is-sħubija, il-President informa lill-membri kif l-ispiża ta' €2,000 għandha tinqasam bejn sitt Reġjuni u l-AKL. Jekk kulħadd jaqbel li jġedded din is-sħubija, l-ammont ta' ħlas mir-Reġjun ikun dak ta' €285.71.

29.8.3 Il-membri preżenti approvaw li din is-sħubija terġa tiġi mġedda.

- *Laqgħa Ġenerali Annwali 2024*

29.8.4 Il-President ippropona sabiex din il-laqgħa tinżamm nhar is-Sibt 27 ta' April 2024 filgħodu. Għal dan il-għan hu ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet tal-post fejn din il-laqgħa tistà tinżamm.

29.8.5 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta mingħand Intercontinental Malta għal prezz ta' €1,655

- *Kwotazzjonijiet*

29.8.6 Il-President informa lill-membri kif hemm bżonn tinxtara intercom ġdida biex l-aċċess ikun fuq iż-żewġ sulari ta' l-uffiċċju. Għal din ir-raġuni ġew ippreżentati tliet kwotazzjonijiet sabiex din is-sistema tiġi aġġornament għal waħda moderna.

29.8.7 Il-membri preżenti approvaw li din is-sistema tinxtara mingħand Securetech peress li tkun qed takkomoda l-uffiċini kollha b'ħames monitors kif ukoll id-ditta tal-kamera hija waħda superjuri.

29.8.8 Il-President ressaq il-kwotazzjonijiet miġbura sabiex għas-seminar, Green Events Framework: A sustainability Policy, Parker Media ġie mgħażul sabiex jipprovdi servizz ta' dawl, sound, fotografija, vidjografia, armar u żarmar.

29.8.9 Il-President informa kif dan ir-Reġjun mexa ma' l-orħos kwotazzjoni provduta mingħand Parker Media - €4,106.40.

29.8.10 Is-Sur Chircop spjega wkoll kif kiri, kunsinna u installazzjoni tal-*backdrops* u arbli tal-bnadar kienu saru minn AF Printworks għal prezz ta' €1,416.00.

29.8.11 Il-President spjega kif għall-avveniment tal-Qarċilla, inġabru tliet kwotazzjonijiet għas-sistema tas-Sound, fejn dan ir-Reġjun mexa ma' l-orħos kwotazzjoni provduta mingħand A-Sound - €767.00

29.8.12 Il-membri preżenti approvaw dawn il-kwotazzjonijiet.

- *Reġjun Kulturali 2024 – Ritratti*

29.8.13 Il-President għamel referenza għat-tnax-il ritratt li dan ir-Reġjun kien eżebixxi fit-tnedi fit-tnedija uffiċċjali tar-Reġjun Kulturali u kif il-ħsieb kien li li kull ritratt jiġi ppreżentat lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

29.8.14 Is-Sur Chircop spjega kif hu xtaq jattendi l-laqgħat tal-Kunsill Lokali fil-ġranet li ġejjiin sabiex il-Kunsilliera jkunu nfurmati dwar ix-xogħol li qed isir ma' dan it-titlu u biex dan jitpoġġa f'post prominenti fil-binja tal-Kunsill Lokali.

29.8.15 Il-President talab lill-membri sabiex jgħinu fil-promozzjoni tal-materjal li qiegħed jitpoġġa fuq il-meżżi soċjali billi jagħmlu *share* fuq il-paġna uffiċċjali tal-Kunsilli Lokali.

29.8.16 *18:25pm – is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba mpenn ieħor.*

- *Aġġornament fuq Skema Finanzjarja 4/2023*

29.8.17 Is-Segretarju Eżekuttiv aġġornat lill-membri preżenti kif kull Kunsill Lokali ssottometta d-dokumenti però kien hemm uħud li kien baqalhom xi dokumenti pendenti. Is-Sa Galea spjegat ukoll kif għalkemm dawn huma nkluża fl-iskeda tal-ħlasijiet li kienet qed tiġi mressqa f'din il-laqgħa, dawk il-Kunsilli Lokali li għad baqgħalhom xi dokumenti x'jipprovdu, mhux ser ikunu qed jirċievu dan il-ħlas qabel ma dawn ikunu għand l-uffiċċju.

- *Talba għal Teleworking*

29.8.18 Il-President ressaq fuq il-mejda din it-talba mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Jeanette Galea, sabiex dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena oħra.

29.8.19 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

## 29.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

29.9.1 Il-Viċi President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

29.9.2 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sekondat mill-Viċi Sindku ta' Tas-Sliema, is-Sur John Pillow, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 26A u 26B.

29.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 29.10 Mozzjonijiet

29.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 29.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

29.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:35 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu 2024, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 14 ta' Marzu, 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |